MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 384/1989/1

**Joseph Perici Calascione ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Fogg Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta' estera "A.L.S." Motor Policies at Lloyd's u dawn kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Anthony Migneco ghan-nom tad-ditta Medairco Limited**

**vs**

**Sergio Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' April, 1989, li in forza taghha, wara li ppremetta:

1. Illi fis-27 ta' April 1987 ghall-habta ta' 6.00p.m. go Luqa Road limiti ta' Hal-Qormi, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura Fiat numru tar-registrazzjoni A 4680 bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura assikurata mal-attur noe, dak il-hin misjuqa minn Angelo Mizzi u kkagunalu danni konsiderevoli ammontanti ghal disa' mija u tlieta u tletin lira u sitta u disghin centezmu (LM933.96,0) u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghad-danni sofferti fil-vettura assikurata mill-attur nomine kellha taghmel tajjeb id-ditta attrici abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni u tal-ligi;

3. Illi ghalkemm interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti, anzi avza lill-attur nomine permezz ta' ittra tal-konsulent legali tieghu li ma kienx qed jaccetta r-responsabbilita' ta' din il-kollizzjoni;

L-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-kollizzjoni hawn fuq imsemmija u cioe' dik li grat fis-27 ta' April 1987 go Luqa Road limiti ta' Hal-Qormi u

2. tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' disa' mija u tlieta u tletin Lira u sitta u disghin centezmu (LM933.96,0) jew somma verjuri ammont tal-hsara sofferti fil-karozza tal-assikurat tieghu bhala rizultat ta' din l-imsemmija kollizzjoni liema somma thallset lill-istess assikurat abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni u tal-ligi kif fuq premess.

Bl-ispejjez u nteressi legali inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Marzu 1988 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-kawza giet kontestata mill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Ottubru, 1989, li in forza tieghu din il-Qorti hatret lil Dr. John Mizzi bhala perit legali sabiex jirrelata fuq it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Novembru, 1996, li in forza tieghu din il-Qorti hatret lil Dr. Malcolm Mifsud sabiex bhala Assistent Gudizzjarju, jassisti lill-perit legal fil-gbir tal-provi;

Rat il-verbal registrat fl-1 ta’ Lulju, 1999, fejn il-perit legali irritorna l-inkartament li kellu tal-kawza;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ April, 2000 li in forza tieghu l-Qorti hatret lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tkompli bil-gbir ta’ provi;

Rat l-inkartament tal-Perit Legali u l-verbali tas-seduti minnu mizmuma;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi, fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-mod kif giet trattata din il-kawza. Din hi kawza semplici ta’ habta bejn zewg vetturi, li biex giet deciza kellha tiehu aktar minn erbatax (14)-il sena, f’liema perjodu instemghu biss erba’ xhieda, li huma l-provi kollha li kellhom il-partijiet! Din il-kawza donna hadd ma kien jaghti kazha, u l-partijiet u d-difensuri taghhom, fuq kollox, urew non kuranza totali ghall-*iter* ta’ din il-kawza. Bizzejjed jinghad li wara li nhatar il-perit legali, dan zamm ghaxar seduti

f'perjodu ta' sena, izda ebda wahda minnhom ma giet uzufruwita, u dan ghal xi raguni jew ohra imputtabbli dejjem lill-partijiet u/jew d-difensuri taghhom. Il-Qorti jidher li, f'xi zmien, ukoll tilfet il-kontroll tal-kawza, ghax il-process disponibbli lil din il-Qorti mhux dak originali, li, milli jidher, intilef u kellu jigi rikostruwit; fil-fatt, il-verbal tal-Qorti mill-1989 sal-1996, kienu u ghadhom nieqsa, u ma jirrizultax x'gie registrat mill-Qorti tul dak il-perjodu ta' kwazi seba' snin. Kien biss ricenti li din il-qorti bdiet tinsisti li l-kawza tigi, b'mod jew iehor determinata, gew mismugha l-provi li kellhom jinstemghu, u issa qed tigi, fl-ahhar, deciza.

Din il-Qorti tinnota wkoll li l-perit legali, mahtur b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 1989, qatt ma kellu l-inkarigu tieghu revokat, ghalkemm fl-udjenza tal-1 ta' Lulju, 1999, hu rritorna l-inkartament fil-pussess tieghu. In vista tal-fatt li l-imsemmi perit legali, milli jidher mill-process disponibbli lil din il-Qorti, ma kienx lahaq sema' xhieda, din il-Qorti thoss li mhux il-kaz li, f'dan l-istadju, terga' tirrimetti l-process lill-perit legali sabiex dan jespleta l-inkarigu lilu moghti, u qieghda, ghalhekk, tirrevokalu prezenzjalment l-inkarigu tieghu.

Ghar-rigward tal-meritu ta' din il-kawza, din tirreferi ghall-habta li sehhet fis-27 ta' April, 1987, f'Luqa Road, Qormi, bejn zewg vetturi numru K-9416, misjuqa minn Angelo Mizzi, l-assikurat tas-socjeta' attrici, u dik bin-numru A-4680 misjuqa mill-konvenut. Iz-zewg karozzi kienu qed jinsaqu fid-direzzjoni opposta ta' xulxin, meta, ghal xi raguni, habtu ma' xulxin.

L-assikurat tas-socjeta' attrici jghid li hu kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, meta l-konvenut, li kien gej mid-direzzjoni opposta, ghafas il-*brake*, u l-brejkijiet gibdu ghal fuqu, fis-sens li r-rota tal-vettura tal-konvenut tal-lemin ma rabtitx u l-vettura ngibdet ghal fuqu.

Il-konvenut, min-naha l-ohra, jghid li huma kienu qed isuqu f'direzzjoni opposta meta habtu, u bid-daqqa li qala' gie mdawwar u spicca jhares in-naha l-ohra, minn fejn kien gej. Kif gara l-incident ma jiftakarx, u dan peress li hu

jghid li kemm hu kif ukoll il-vettura assikurata mas-socjeta' attrici kienu fin-naha taghhom rispettiva tat-triq, izda eventwalment, ma jafx kif habtu.

Minn dawn il-"provi", kif wiehed jista' japprezza, ma tantx hemm x'jitfa' dawl fuq id-dinamika tal-incident, u f'dan il-kaz, il-Qorti trid tipprova issib ftit aktar informazzjoni minn atti ohra tal-process. Importanti huma r-*road accident report* u l-okkorrenza li gewipprezentati mill-Pulizija. Minn dawn id-dokumenti jidher li, anke meta sehh l-incident, il-konvenut ma kienx f'posizzjoni jghid kif sehhet il-habta, u ma tax il-versjoni tieghu dwar x'gara. L-assikurat tal-attur, min-naha l-ohra, kien car fil-verzjoni li ta lill-Pulizija, u baqa' konsistenti anke meta xehed f'dawn il-proceduri. Il-Pulizija li nvestiga l-incident, fil-fatt, ikkonkluda li l-incident sehh meta l-karozza tal-konvenut, wara li applikat il-*brakes*, swervjat fuq il-lemin, u baqghet diehla fil-karozza misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici.

Fic-cirkostanzi bhal dawn, meta l-provi huma minimi, ir-rapport tal-Pulizija jassumi massima importanza. Meta tqies, imbaghad, li mill-*isketch* jidher li s-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici, hija ippostjata fix-xellug tat-triq, u dik tal-konvenut vicin il-linja tan-nofs, din ic-cirkustanza taghti aktar kredibilita' lit-tezi attrici. Kif tajjeb osserva t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza "Debono vs Vella" deciza fil-5 ta' Dicembru, 2002, skizz maghmul professjonalment ghandu jittiehed bhala prova ta' dak li juri. Il-fatt li l-vettura tal-konvenut, kif jidher ukoll mill-*isketch*, halliet *brake mark* wiehed u twil, tkompli tikkonferma dak li allega s-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici, li meta l-konvenut ghafas il-*brakes*, rota wahda rabtitlu, b'mod li skidja u l-karozza tieghu ngibdet lejn il-lemin u baqghet diehla fil-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Ma giex allegat u ppruvat li dan sehh ghal xi forza maggura, u kif gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza "Pavia vs Borg", deciza fil-11 ta' Ottubru, 2002, skid akkompanjata b'negligenza, twassal ghal responsabbilita' ghall-incident. Il-konvenut ma hax hsieb jara li ghandu *brakes* tajba u jidher ukoll li kien qed isuq bi *speed* qawwi, specjalment meta tqis l-entita' tal-hsara li garrbet il-vettura assikurata mas-socjeta' attrici.

Il-hsarat li garrbet il-karozza misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici, li huma daqqiet, tista' tghid, mal-genb lemini kollu, ikomplu jikkonfermaw li kien il-konvenut li baqa' diehel fil-karozza assikurata mas-socjeta' attrici u mhux vice-versa. Fil-fatt, irrizulta li l-genb lemini tal-karozza assikurata mas-socjeta' attrici kellu jigi rrangat u c-*chassis re-aligned*, li jindikaw id-daqqa kbira li qalet din il-karozza minn dik misjuqa mill-konvenut.

Minn dawn id-diversi cirkostanzi, il-Qorti tqis li l-versjoni attrici hija aktar attendibbli, u tikkonkludi allura li l-konvenut ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici kkonferma l-ammont ta' danni, u esebixxa wkoll id-diversi ricevuti u dokumenti ohra li jikkoraboraw it-talba taghhom. Dawn il-provi ma gew kontradett mill-konvenut, u l-ispejjez inkorsi kienu kollha relatati ghall-incident in kwistjoni u jinsabu gustifikati bl-ircevuti relattivi. L-ammont ta' danni, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Francis Ebejer, *claims manager* mad-ditta attrici, kien ta' LM936.46, izda peress li t-talba hija ghal Lm933.96 (probabbilment ghax ma giex inkluz it-tlett liri (LM3) imhallsa ghar-rapport tal-Pulizija), dawn huma d-danni li jistghu jigu rekuperati mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet esposti, tiddisponi minn din il-kawza, billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, is-somma ta' disa' mija u tlieta u tletin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (LM933.96,0), bl-interessi legali mid-data tal-presentata ta' din il-kawza, u cioe', mis-7 ta' April, 1989, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, in vista tal-fatt li z-zewg partijiet bejniethom kkontribwew ghad-dewmien esagerat ta' din il-kawza, jithallsu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------